Minuti tal-laqgħa numru ħamsa u sittin (65) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (KLQ), li nzammet nhar it-Tnejn, 26 ta' Frar 2024 fil-5:30pm fil-Muniċipju, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Is-Sur David Schembri | Sindku |
| | Is-Sur Patrick Bugeja | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Charles Zerafa | Kunsillier |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv (DSE) |

Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, is-Sur David Schembri.

65.01 **Qari tal-itti ta' apoloġija** Apoloġiji

Ma kienx hemm.

65.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti numru erbgħa u sittin (64)** Minuti

Il-Minuti tas-seduta numru 64 kienu kkunsidrati b'moqrija u approvati unanimament wara li tressqu għall-vot b'żewġ korrezzjonijiet tas-Sur Charles Zerafa (dwar il-kantata *Riħ fil-Qolla*) u tas-Sa Mario Parnis dwar il-kontribut fil-programm tal-One, bl-isem *Qribna*. Dawn kienu proposti mis-Sindku, is-Sur David Schembri u ssekondati mis-Sur Charles Zerafa.

65.03 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

65.03.01 Is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem dwar il-ktieb li se jkun pubblikat bl-isem *Visiting Qrendi, A charming Maltese Village* tas-Sur George Cassar. Din hija inizjattiva f'Mizura 19.1 Hu irringrazzja lis-Sur George Cassar, filwaqt li kopja draft ta' dan il-ktieb kienet disponibbli għall-kunsillieri bħala f'din l-istess laqgħa tal-Kunsill. Skont din il-mizura dan il-ktieb irid ikun pubblikat, imħallas u ssir it-talba għar-rimbors sal-15 ta' Frar 2024. Għaldaqstant, il-KLQ approva in-nefqa bil-quddiem ta' zewġ invoices peress li kien hemm *extra over* minħabba li nbidlet il-kobor tal-karta tal-ktieb minn A4 għal A3 u ċċertifika l-istess xogħol għax mhux se jkun hemm ċans li jsir dan sal-laqgħa li jmiss. Is-Sur David Schembri tkellem fuq ir-ritratt tal-qoxra li se tkun qed turi id-daħla tal-Qrendi bir-*roundabout* bil-ġebel li jirrapprezenta lill-Maqdes ta' Ħaġar Qim fuq ritratt tas-Sur Mark Micallef Pierconte għaliex kellna nibdlu r-ritratt tal-qoxra li kien miftihem oriġinalment. Dan għaliex kien hemm l-armar ta' waħda mil-festi illi jkunu ċċelebrati fir-raħal. Il-Ktieb se jkollu *ISBN number* u nistgħu nagħmlulu *QR code* biex aktar 'il quddiem jinqaleb għal Malti. Visiting Qrendi, A charming Maltese Village

65.03.02 Is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem dwar Triq il-Karwija, Qrendi. Hu qal illi bħalissa qiegħed isir l-*iscarrifying* u din se tingħata wiċċ permezz ta' Fondi Ewropej minn Infrastruttura Malta. Il-kompozizzjoni tal-wiċċ tagħha se jsir bil-*grass screed* li fih jitla' l-ħaxix selvaġġ biex ma tkunx tistona mal-inħawi rurali tal-Qrendi u se jsir *culvert* iz-zewġ naħat tat-triq u fl-istess ħin Triq il-Karwija



Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

dan se jissoda l-ħajt tas-sejjiegħ ezistenti. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi llum iltaqa' mal-perit u mal-kuntrattur biex iddiskuta dwar dawn ix-xogħlijiet, primarjament sabiex isir ħajt tas-sejjiegħ f'parti oħra biex izomm il-ħamrija u jitħawwlu s-siġar. Ix-xogħol ta' livelli ġodda, se jkunu qed jeliminaw magħqad kbir ta' ilma tax-xita li prezentement qed joħloq diffikultà ta' aċċess.

65.03.03 Is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem fuq l-assistenza li hemm bzonn fl-uffiċċju. Hu ippropona biex issir talba għal sejħa ġdida għal skrivan ġdid. Dwar dan kien hemm qbil unanimu biex toħroġ sejħa għal skrivan Skala XV. Kien hemm diskussjoni dwar il-ħidma tas-Sur Carl Falzon fil-konfront tax-xogħol li qed jagħmel prezentement. *Sejħa għal Skrivan Skala XV*

65.03.04 Dwar il-problema ta' magħqad tal-ilma fi Triq il-Ġwiewel, is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi tħaffret toqba fonda minn Infrastruttura Malta u dawn nizlu 45 pied u baqgħu ma sabux id-dagħbien biex neħilsu mill-ilma tax-xita u dan jiskula fih. Għaldaqstant, Infrastruttura Malta reġgħu irreferew il-kaz mal-ERA biex jaraw jekk jistgħux jixħtu l-*istorm water run off* f'xi post ieħor jew inkella jekk għandhomx jinzlu aktar 'l isfel f'tentattiv ieħor. *Triq il-Ġwiewel*

65.03.05 Kien hemm proposta tas-Sindku, is-Sur David Schembri u wkoll qbil unanimu mill-kunsillieri biex zewġ toroq li kienu murija fuq pjanta waqt il-laqgħa, jissemmew Triq tal-Karwija u Triq il-Palazz tal-Ħares. Din l-inizjattiva ttieħdet biex ma jkunx hemm problema li ma jsibux lil xi bdiewa li joqgħodu hemmhekk. *Tismija tat-toroq ġodda*

65.03.06 Is-Sindku tkellem dwar l-inħawi ta' San Niklaw propju fejn joqgħod tal-ħaxix fejn qal illi lampa tat-toroq damet xahrejn biex biddluhielu. Tant li l-Korporazzjoni Enemalta ma setgħux isibu l-post u kellu jimmarka l-arblu bil-fluorescent spray hu stess. Is-Sur Schembri qal illi din għandha tkun imnizzla bħala Triq tal-Karwija u mhux Triq il-Mitjar. *Klarifika fuq Triq Tal-Karwija*

65.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Ara Punti oħra

65.05 **Post Mortem – Ġieħ il-Qrendi 2024**

L-attività Ġieħ il-Qrendi kienet waħda tajba kemm mill-att organizzattiv kif ukoll mill-attendenza. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi il-Knisja ta' San Mattew tal-Maqluba kienet idejali pero' jekk se jkun hemm aktar nies, il-venue propost se jkun il-Kappella tal-Ħniena. Is-Soċjetajiet Muzikali kellhom servizz tajjeb tas-sound u tal-internet live streaming u wkoll talli pprovdew TV set kbir u kulħadd setgħa jsegwi. Kull min ħa premju ta' Onorefiċenza u sintendi min ħa Ġieħ il-Qrendi, kienu verament grati talli l-Kunsill irrikonoxxa l-ħidma tagħhom li jagħtu. *Ġieħ il-Qrendi 2024*

Dwar Jum il-Qrendi 2024, kien hemm ukoll il-parteċipazzjoni tal-NGOs u dawn poġġew il-kuruna tar-rand tagħhom fuq il-Monument tal-Gwerra bħala ġest u tislima lil dawk li ħallewna fl-istess gwerra.

Is-Sa Marion Parnis kienet indisposta minkejja li l-e-mail li bagħtet ma waslitx lill-Kunsill għax uzat l-indirizz ħazin.

65.06 **Premju – Ġieħ l-Artiġġjanat Malti**

Dwar il-Premju Ġieħ l-Artiġġjanat Malti kien deċiz illi ntellgħu il-promozzjoni tiegħu fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi . *Ġieħ l-Artiġġjanat Malti*



Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

65.07 **Skema tad-DLG: SPI/SCI/01/2024 Servizz ta' Xogħlijiet għal Zvilupp ta' Community Gardens**

Skema għall-Zvilupp ta' Community Gardens

Id-DSE flimkien mas-Sindku, is-Sur David Schembri ppproponew illi napplikaw għal Ġnien tal-Kmand. Huma tal-ideja illi dan jikkwalifika bħala Community Garden. F'dan is-sit hemm bzonn li ssir railing tal-ħadid madwar il-funtana li hemm fin-nofs biex tkun ta' salvagwardja għat-tfal li jistgħu jixxabbtu u jaqgħu fl-ilma u jgħequ. Hemm bzonn ukoll li jinxtraw zewġ pompi tal-ilma biex nerġgħhu inqabbdu l-irrigazzjoni mal-ġwiebi ezistenti kif ukoll biex titbattal il-funtana mill-ilma meta jitħammeġ u jinbidel. Dwar dan kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali tal-Qrendi jissottometti l-applikazzjoni.

65.08 **Skema tad-DLG: SPI/SCI/02/2024 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi**

SPI/SCI/02/2024

Dwar din l-iskema se jkun hemm proposti aktar 'il quddiem.

65.09 **Skema tad-DLG: SPI/SCI/03/2024- Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa.**

Clean Up the World 2024

I-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien prezentat bil-proposta tad-DSE biex nieħdu sehem f'din l-attività Internazzjonali bl-isem Clean Up The World. Il-proposta hija li f'Settembru 2024 innaddfu z-zona ta' taħt Ħaġar Qim u l-Imnajdra flimkien mal-Monument ta' Congreve u n-Niffied bil-parteċipazzjoni tar-Reġjun Punent. Dwar din l-inizjattiva kien hemm qbil unanimu u se nkunu qed indaħħlu l-applikazzjoni tagħna fil-jiem li ġejjin

65.10 **Skema tad-DLG:SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**

SPI/SCI/04/2024

Se nkunu qed nesploraw jekk nistgħux napplikaw biex il-fondi jmorru fuq iċ-Ċentru Ċiviku li fih se jkun qed jospita' l-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Dwar dan hemm qbil illi jekk nikkwalifikaw, ikun hemm fondi bizzejjed biex dan iċ-ċentru ta' mportanza Nazzjonali jkun jista' jitwettaq u l-finishings tiegħu jitlestew malajr kemm jista' jkun.

.

65.11 **Skema tad-DLG: SPI/SCI/05/2024 – Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025.**

SPI/SCI/05/2024

Id-DSE mela' l-applikazzjoni sabiex napplikaw mil-ġdid għall-attività kulturali annwali bl-isem Festival tal-Patata 2025. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi hu xieraq illi minkejja li jista' jkun hemm bdil fil-kompozizzjoni tal-Kunsill, attività annwali li ilha ssir għal diversi snin sħaħ tibqa' ssir. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u l-KLQ se japplika għal din l-attività annwali biex tinzamm f'Mejju 2025 fuq l-istess linji illi saret għal tul dawn is-snin kollha.

65.12 **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti SCH 01 (18/12/23-22/1/24) u SCH 189 (Ref: AA/12)**

Skeda tal-Pagamenti

Kien hemm l-approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti SCH 01 (18/12/23 – 22/1/24) u SCH 189 Ref: AA/12. Is-Sindku, is-Sur David Schembri ippropona li jsiru l-arranġament imsemmi fuq l-iskemi tal-Fondi Ewropej biex jitħallsu minn qabel ma jkunu approvati ħalli ma jintilfux il-fondi. Dan peress li l-proġett s'issa mhux konkluz u m'hemmx kontijiet s'issa. Madankollu, sal-15 ta' Marzu 2024, kollox irid ikun imħallas u mgħoddi lil Management Authority.

65.13 **Festival Agrarju tal-Patata 2024**

Festival Agrarju tal-patata 2024

Is-Sur David Schembri tkellem fuq l-edizzjoni li jmiss ta' Mejju 2024 tal-Festival Agrarju tal-Patata. Il-Viċi Sindku, is-Sur Patrick Bugeja, qal illi bdew jinġabru l-*quotations* u qal ukoll illi mhux possibbli li din is-sena jisilfuna t-tined li s-sena l-oħra inkrew mingħajr ħlas, għaliex se juzawhom id-Dipartiment tal-Kultura. Hu qal illi se niltaqgħu mas-soċjetajiet muzikali u

hemm bzonn li jkun hemm is-sinkijiet tal-ilma biex jaħslu idejhom dawk li jkunu qed ibiegħu l-ikel. Dawn ikunu bil-pompa apposta. Biex il-preparamenti jkunu jistgħu isiru minn qabel, hemm bzonn li naqilgħu zewġ uffiċjali tas-sigurtà biex apparat li jkun fil-post minn qabel ma jinsteraqx.

65.14 **Riħ fil-Qolla** — Riħ fil-Qolla

Is-Sur David Schembri, is-Sindku, qal illi hemm fondi mir-Reġjun Punent għall-kultura li jammontaw għal €10,000. Hu spjega li b'dawn l-ammonti din il-kantata jkun possibbli li tittellà fil-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi kif fil-fatt snin ilu kienet imtellà wkoll fl-istess maqdes biex tikkommemora ġurnata importanti fil-kalendarju tal-Parroċċa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu ġaladarba din se tkun kollha kemm hija sponsorjata. Din se tittella' nhar il-25 ta' Mejju 2024 u se jieħdu ħsiebha, il-Kor Sine Macula, il-Kor tal-Qrendi taħt id-direzzjoni ta' Maria Daniela Farrugia kif ukoll tas-Sur John Buttigieg.

65.15 **PUNTI OĦRA**

65.15.01 Kienu approvati b'vot unanimu l-Unaudited Financial Statements 2023. Dawn se jitbgħatu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif aħna obbligati li nagħmlu u ntellgħuhom fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill. — Unaudited Financial Statements

65.15.02 Is-Sur David Schembri tkellem dwar ktieb ieħor li qed jiġi ppubblikat tas-Sur Anthony Mangion dwar il-Kappella ta' Santa Katerina tat-Torba. Dan ukoll ser jiġi ppubblikat. — Ktieb dwar Santa Katerina tat-Torba

65.15.03 Is-Sur David Schembri semma' wkoll il-ktieb tas-Sur George Cassar dwar il-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena. Dan ukoll irid jitħallas sal-15 ta' Marzu 2024 għaliex marbutin bil-kundizzjonjiet tal-Fondi Ewropej. — Ktieb dwar il-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena

65.15.04 Kien hemm diskussjoni għall-edizzjoni tal-Premju Mara propost mis-Sa Marion Parnis biex tkun nominata is-Sa Maria Magro. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi hemm proposta attività li se ssir f'Jum il-Mara nhar it-8 ta' Marzu, 2024 li għaliha se jibgħatulna l-invit mid-DLG. — Premju Mara

65.15.05 Kienu approvati l-Unaudited Financial Statements 2023. Id-DSE qal illi kien hemm surplus ta' €95,629. Fl-istess laqgħa kien hemm diskussjoni dwar il-comparatives bejn is-sena 2022 u 2023 fir-rigward tal-ispejjez kuntrattwali. — Unaudited Financial Statements

65.15.06 Is-Sur David Schembri, is-Sindku tkellem dwar l-importanza illi l-KLQ ikollu assikurazzjoni dwar l-eventwalità li xi ħadd ifittex lill-Kunsill minħabba korriment jew fatalitajiet. Dan qalu għaliex diversi kawzi li qed jinstemgħu fil-Qrati qed jinqatgħu kontra Kunsilli Lokali li qed jeħlu eluf kbar ta' ewro f'kumpens lejn ċittadini li jkunu aggravati. Dwar dan se nitkellmu ma kumpaniji ta' assikurazzjoni. — Assikurazzjoni – Danni fuq fatalitajiet u inċidenti

65.15.07 Is-Sur David Schembri qal illi l-kisi bil-konkos tal-erba' sqaqien bil-crete print issa ġej fi tmiemu għaliex qed isir ix-xogħol fuq ir-Raba' sqaq fi Triq it-Torri. Dan ix-xogħol ovjament jinkludi l-bdil tal-mains tal-ilma, li jinkludi l-ħasil tal-pajpijiet il-ġodda kif ukoll l-ittestjar tal-ilma qabel ma jingħata lura lill-konsumatur. — Crete Print Skema LESA

65.15.08 Id-DSE informa lill-Kunsill illi ħarġet l-offerta tal-Ġbir tal-Iskart Goff u l-WEE. Din se tagħlaq nhar il-????????????? u dan l-iskart se jibqa' jiġi miġbur bl-istess frekwenza kif qed jinġaqbar bħalissa. — Offerta Pubblika

65.15.09 Is-Sa Marion Parnis talbet sabiex jitnaddfu l-cat shelters li hemm fil-ġnien biswit l-ATM, fi Triq Ġuze Cassar. — Cat Shelters

65.15.10 Is-Sa Marion Parnis talbet sabiex ikun hemm aktar knis tat-toroq frekwenti quddiem il-Kazin ta' Lourdes u xi kunsillieri oħra indikaw siti oħra bħal Triq Santa Katerina, Triq it-Tabib Gregorio Mifsud, Triq Tas-Salvatur u Triq Sant Anna. — Knis ta' Toroq

65.15.11 Is-Sur Charles Zerafa tkellem fuq il-kont ta' Eur6,000 tal-pump room fi Triq it-Tempesta biswit ir-roundabout ta' Ħaġar Qim. Id-DSE qal illi biex issir revizjoni tal-kont mill-ARMS talbuna biex ikollhom ċertifikat minn plumber li hemm kollox sew u m'hemmx leakage. Kien deċiz illi dawn jitħallsu flimkien ma' dak tal-Info Panel u tal-ATM. — W & E Bills

Is-Sur Charles Zerafa talab sabiex il-kont tal-elettriku tal-ATM fi Triq Ġuze Cassar jinqaleb fuq id-DSE u ma jibqax fuq l-eks-Segretarju Ezekuttiv.

65.15.12 Is-Sindku, is-Sur David Schembri, tkellem fuq ittra anonima li irċieva l-KLQ. Dwar din il-kunsillieri qablu li ma tkunx diskussa. — Ittra Anonima

65.15.13 Is-Sur Charles Zerafa talab illi l-invoice tal-garage li qed jikri l-KLQ mil-privat tibda' tkun iffirmata mis-sid stess. — Kiri ta' garage

65.15 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** — Aġġornament
Il-laqgħa intemmet fis-7:30pm u dik li jmiss se ssir nhar il-25 ta' Marzu 2024 fil-5:30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 25 ta' Marzu 2024 minn David Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv — Sindku


Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;